# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 31 ta'Mejju, 2023**

**Rikors Ġuramentat nru. 110/2023**

**Numru: 7**

**Elizabeth Grech**

**Vs**

**Alex Giovany Billong.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ġuramentat datat 3 ta' Frar, 2023 fejn ġie hemm premess illi:**

*Ir-rikorrenti hija sid tal-fond ossija terran bl-isem "Fantasia" ġia " St'Joseph", bin-numru tlett mija u ħdax (311) fi Triq Fleur de Lys Birkirkara, liema fond ġie akkwistat minnha permezz ta' kuntratt ta' bejgħ datat disgħa (9) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa' kif jidher mill-anness Dok A*

*Illi ġie premess ukoll illi l-konvenut qiegħed jokkupa tali fond mingħajr ebda titolu validu skond il-liġi u għalkemm ġie interpellat sabiex jiżgombra minnu, hu baqa' nadempjenti.*

*Illi l-konvenut għadu sal lum jippretendi li jibqa' jokkupa tali fond.*

*Illi, għalhekk ġie premess illi jirriżulta l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante lil konvenut m'għandu ebda titolu validu fuq l-fond deskritt.*

*Illi r-rikorrenti ddikjarat ukoll illi hi kienet taf personalment l-fatti kollha u fil-fehma tagħha l-konvenut ma kellu ebda eċċezzjoni x'jissolleva kontra t-talbiet tar-rikorrenti.*

*Illi mar-rikors promotur ġie preżentat ukoll traduzzjoni ta' l-istess fil-lingwa Ingliża.*

*Konsegwentement titlob illi:-*

*Dan ir-rikors jiġi deċiż bid-dispensa tas-smiegħ ai terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi jiġi dikjarat lil konvenut qiegħed jikkupa l-fond ossija t-terran bl-isem ta' " Fantasia" ġia "Saint Joseph", bin-numru tlett mija u ħdax (311) fi Triq Fleur De Lys Birkirkara mingħajr ebda titolu validu skond il-liġi.*

*Tawtorizża lir-rikorrenti li tirriprendi l-pussess tal-fond imsemmi u tordna l-iżġumbrament tal-konvenut mill-istess appartament u dan fit-terminu perentorju u fiss konċess lilu mill-Qorti.*

Ikkunsidrat;

Illi rat id-digriet tagħha datat 22 ta' Fra, 2023.[1]

Tqies illi nonostante lil konvenut ġie debitament notifikat ma deherx għas-seduta tal-14 ta' April 2023 dan biex ai terminu ta' l-artikolu 170 tal-Kap 12 jiddefendi s-smiegħ bil-proċedura sommarja.

Il-Qorti għaddiet biex tisma bil-ġurament lir-rikorrenti Elizabeth Grech[2] li spjegat lil Qorti lil konvenut intimat ma kienx ħallasha kemm il-kera dovuta ukoll tad-dawl u tal-ilma minnu kkunsmat. Xehdet li meta pruvat tikkomunika ma dan li ma sabet ebda ko-operazzjoni minn għandu. Ukoll li kien għadu jgħix ġol fond tagħha.

Żiedet ukoll illi kienet ġiet a konoxxenza li l-konvenut kien ġia għamel l-istess lil xi ġirien oħra tant li kien suġġett ta' proċeduri simili.

Fil-fatt ġiet esebita ukoll sentenza ta'din il-Qorti kif diversament preseduta bħala Dok A.[3] Din is-sentenża kienet waħda ukoll deċiża bid-dispensa tas-smiegħ u li ukoll kienet waħda li kienet avvanżata ai terminu ta' l-artikolu 167(1) (b) tal-Kap 12 bħal każ odjern.

**Illi kkunsidrat dak hawn fuq premess tqies lit-talbiet attriċi għandhom jintlaqgħu u għalhekk qegħda taqta u tiddeċiedi billi:-**

1) **Taqta' din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

2) **Tiddikjara lli l-konvenut qiegħed jokkupa l-fond ossija t-terran bl-isem ta' " Fantasia" ġia "Saint Joseph", bin-numru tlett mija u ħdax (311) fi Triq Fleur De Lys, Birkirkara mingħajr ebda titolu validu skond il-liġi.**

---

[1] Folio 14

[2] Xieda 14 ta' pril, 2023

[3] Folio 21

3) **Tawtorizza lir-rikorrenti li tirriprendi l-pussess tal-fond imsemmi u ċioe' t-terran bl-isem ta' " Fantasia" ġia "Saint Joseph", bin-numru tlett mija u ħdax (311) fi Triq Fleur De Lys, Birkirkara u tordna l-iżgumbrament tal-konvenut mill-istess appartament u dan fit-terminu perentorju ta' gimgħatejn mil-lum.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenut Alex Giovany Billong**.

**Onor. Imħallef Miriam Hayman**

**Dep.Reg**

**Rita Falzon**